Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

MARIE LOUISE COLEIRO PRECA
President

8 ta' Awwissu, 2014

ATT Nru. XXVIII tal-2014

ATT biex jipprovdi għall-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tal-blata kontinentali u għal ħwejjeġ konnessi ma' dawk l-iskopijiet.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2014 dwar il-Blata Kontinentali. Titolu fil-qosor.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra - Tifsir.

"azzjoni kif imiss" għandha l-istess tifsira mogħti lilha fl-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa; Kap. 226.

"blata kontinentali" tfisser qiegħ il-baħar u s-sottoswol taż-żoni taħt il-baħar li jestendu lil hinn mill-ibħra territorjali ta' Malta sa limitu stabbilit kif hemm fid-dritt internazzjonali, imkejla mil-linji bażi li minnhom titkejjel il-wisa' tal-ibħra territorjali; iżda hekk illi meta relattivament għal Stati li l-kosta tagħhom tkun faċċata dik ta' Malta jkun meħtieġ li jiġu stabbiliti l-konfini tal-blajjat kontinentali rispettivi, il-konfini tal-blata kontinentali għandha tkun dik stabbilita bi ftehim bejn Malta u dak l-Istat jew Stati oħra jew, fin-nuqqas ta' ftehim, il-linja medjana, jiġifieri linja li kull pont tagħha jkun ekwidistanti mill-ponti l-aktar viċini tal-linji bażi li minnhom titkejjel il-wisa' tal-ibħra territorjali ta' Malta u ta' dak l-Istat jew Stati oħra:

Iżda sakemm il-ftehim imsemmi fil-paragrafu t'hawn qabel jidħol fis-seħħ, kull liċenza maħruġa taħt dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu għall-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni

ta' riżorsi naturali tal-blata kontinentali ta' Malta għandha tkun tgħodd biss għaż-żona li tkun tinsab fuq in-naħa ta' Malta tal-linja medjana bejn il-kosta ta' Malta u l-kosta li tappartjeni lill-Istat jew Stati fuq in-naħa l-oħra:

Iżda wkoll ebda ħaġa m'għandha żżomm lill-Gvern milli jidħol f'xi arranġament ta' kooperazzjoni, bħalma hu kull ftehim ta' żvilupp konġunt, kull ftehim ta' qsim ta' introjti u kull ftehim internazzjonali ta' *unitisation*, ma' Stati ġirien għall-fini tal-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali fuq il-blata kontinentali:

Iżda wkoll ebda ħaġa m'għandha żżomm lill-Gvern milli jestendi l-konfini tal-blata kontinentali aktar mill-linja medjana skont id-dritt internazzjonali;

Kap. 226. "ibħra territorjali" għandha l-istess tifsira mogħti lilha bl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa;

Kap.156. "liċenza" għandha l-istess tifsira mogħti lilha fl-Att dwar il-Produzzjoni tal-*Petroleum*;

"linji bażi" tfisser il-linji, miġbudin bejn ponot xierqa tul il-kosta ta' Malta, li minnhom jitkejjel il-wisa' tal-ibħra territorjali;

"Malta" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Kap. 156. "*petroleum*" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar il-Produzzjoni tal-*Petroleum*;

"Prim Ministru" tfisser il-Prim Ministru jew xi persuna oħra msemmija mill-Prim Ministru u dan flimkien mad-dispożizzjonijiet ta' artikolu 5;

Kap. 423. "riżorsi minerali" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"riżorsi naturali" tfisser -

(a) ir-riżorsi minerali, tal-enerġija u kwalunkwe riżorsi oħra li ma jgħixux ta' qiegħ il-baħar u s-sottoswol; kif ukoll

(b) l-organiżmi li jgħixu u li jappartjenu lil speċji sedentarji;

"speċji sedentarji" tfisser organiżmi li fiż-żmien li jinħasdu, jew ikunu ma jiċċaqilqux fuq jew taħt qiegħ il-baħar jew ma jkunux jistgħu jiċċaqilqu ħlief f'kuntatt fiżiku kostanti ma' qiegħ il-baħar

jew is-sottoswol;

"ufficjal marittimu għall-infurzar" għandha l-istess tifsira mogħti lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa; Kap. 226.

"żona msemmija" tfisser kull żona, msemmija mill-Prim Ministru b'ordni pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, li permezz tiegħu jistgħu jiġu eżerċitati d-drittijiet imsemmija fl-artikolu 3(1);

"żona ta' sigurtà" tfisser żona madwar xi gżira artifiċjali, stallazzjoni jew struttura, imsemmija għall-fini li tiġi żgurata s-sigurtà tagħhom kif ukoll is-sigurtà tat-tbaħħir madwarhom.

Esplorazzjoni u sfruttament tal-blata kontinentali.

3. (1) Il-Gvern jeżerċita fuq il-blata kontinentali kull dritt sovran għall-fini tal-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tagħha.

(2) Il-Gvern għandu jkollu d-dritt esklużiv li jesplojta s-sottoswol tal-blata kontinentali, kif ukoll li jawtorizza u jirregola kull attività, inkluża imma mhux limitata għat-tħaffir 'l isfel u tħaffir ta' mini, fuq il-blata kontinentali għall-finijiet kollha, irrispettivament mill-fond tal-ilma 'il fuq minn dak is-sottoswol.

(3) Id-drittijiet imsemmija fis-subartikolu (1) huma esklużivi fis-sens illi jekk il-Gvern ma jesplorax il-blata kontinentali jew ma jesplojtax ir-riżorsi naturali tagħha, ħadd ma jista' jmexxi l-attivitajiet imsemmija fis-subartikolu ta' qabel mingħajr il-kunsens espress tal-Prim Ministru.

(4) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), id-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tal-Att dwar il-Produzzjoni tal-*Petroleum* għar-rigward tal-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tal-*petroleum* f'Malta għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. Kap. 156.

(5) Dwar ir-riżorsi minerali, li għar-rigward tagħhom jistgħu jiġu eżerċitati d-drittijiet imsemmija fis-subartikolu (1), id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi għandhom, fir-rigward tar-riżorsi minerali f'Malta, japplikaw *mutatis mutandis*. Kap. 423.

(6) Dwar speċji sedentarji li għar-rigward tagħhom jistgħu jiġu eżerċitati d-drittijiet imsemmija fis-subartikolu (1), id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, sakemm dawn japplikaw u b'kull modifika meħtieġa, għandhom, sa fejn dawn jirrigwardaw speċji sedentarji, japplikaw *mutatis mutandis*. Kap. 425.

(7) Il-Prim Ministru jista' minn żmien għal żmien b'ordni li jiġi pubblikat fil-Gazzetta jinnomina xi żona bħala żona li fiha jistgħu jiġu eżerċitati d-drittijiet imsemmija fis-subartikolu (1), u kull żona li tiġi hekk imsemmija f'dan l-Att għandha tkun żona msemmija.

Setgħa ta' għemil ta' regolamenti.

4. (1) Il-Prim Ministru jista', minn żmien għal żmien, jagħmel regolamenti għar-rigward ta' kull għan jew xi wieħed minn dawn l-għanijiet li ġejjin:

(a) li jirregolaw l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni ta' riżorsi naturali tal-blata kontinentali;

(b) li jirregolaw jew jipprojbixxu l-kostruzzjoni, twaqqif, tqegħid, jew użu ta' gżejjer artifiċjali, installazzjonijiet, strutturi jew tagħmir fi, fuq, jew 'il fuq mill-blata kontinentali:

(i) f'dak li għandu x'jaqsam mal-esplorazzjoni tal-blata kontinentali jew dik il-parti minnha jew l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tagħha, jew

(ii) f'postijiet fejn dawn jistgħu jikkaġunaw interferenza mad-drittijiet tal-Gvern li jesplora u jesplojta r-riżorsi naturali ta' dik il-blata kontinentali, jew

(iii) f'postijiet fejn dawn jistgħu jikkaġunaw interferenza mal-użu ta' korsiji marittimi rikonoxxuti li huma essenzjali għat-tbaħħir internazzjonali, kif ukoll dak ta' mal-kosta;

(ċ) li jistabbilixxu żoni ta' sigurtà madwar l-imsemmija gżejjer artifiċjali, installazzjonijiet, strutturi jew tagħmir fi, fuq, jew 'il fuq mill-blata kontinentali;

(d) li jirregolaw it-tqegħid, manutenzjoni u sorveljar ta' *cables* u *pipelines* taħt il-baħar;

(e) li jirregolaw ir-riċerka xjentifika marittima;

(f) li jirregolaw il-qbid tal-karbonju u l-ħżin tiegħu;

(g) li jippreskrivu dawk il-miżuri bħalma jista' jqis li jkunu meħtieġa f'kull żona ta' sigurtà bħal dik għall-ħarsien tal-gżira artifiċjali, installazzjoni, struttura jew tagħmir li għar-rigward tagħhom tiġi stabbilita ż-żona ta' sigurtà;

(h) li jirregolaw jew jipprojbixxu d-dħul ta' bastimenti f'xi żona ta' sigurtà bħal dik, bla ħsara għal kull eċċezzjoni

provduta mill-ordni biex ma jsirx dħul, mingħajr il-kunsens tiegħu, f'dik il-parti minn dik iż-żona li tista' tiġi speċifikata fl-ordni;

(i) li jippreskrivu miżuri li għandhom jittieħdu f'xi żona ta' sigurtà bħal dik għall-ħarsien tar-riżorsi li jgħixu tal-baħar u r-riżorsi naturali tal-blata kontinentali minn aġenti dannużi;

(j) li jippreskrivu l-avviż li għandu jingħata dwar il-kostruzzjoni, twaqqif, jew tqegħid ta' gżejjer artifiċjali, installazzjonijiet, strutturi jew tagħmir fi, fuq, jew 'il fuq mill-blata kontinentali;

(k) li jippreskrivu l-mezzi permanenti li għandhom jiġu installati għall-fini li tingħata twissija lil bastimenti u inġenji tal-ajru bil-preżenza ta' gżejjer artifiċjali, installazzjonijiet, strutturi jew tagħmir fi, fuq, jew 'il fuq mill-blata kontinentali;

(l) li jipprovdu għat-tneħħija ta' gżejjer artifiċjali, installazzjonijiet, strutturi jew tagħmir fi, fuq, jew 'il fuq mill-blata kontinentali li jkunu ġew abbandunati jew li ma baqgħux jintużaw;

(m) li jipprojbixxu jew jirrestrinġu xi esplorazzjoni jew xi esplojtazzjoni -

(i) tal-blata kontinentali jew ta' xi parti speċifikata minnha; jew

(ii) tar-riżorsi naturali tagħha

li fil-fehma tal-Gvern din tista' tirriżulta f'xi interferenza inġustifikabbli mat-tbaħħir, is-sajd, jew il-konservazzjoni jew immaniġġjar tar-riżorsi naturali tal-baħar inkluż qiegħ il-baħar u s-sottoswol, jew li jistgħu jinterferixxu mad-difiża nazzjonali jew ma' xi riċerka oċeanografika jew xi riċerka xjentifika oħra jew ma' *cables* jew *pipelines* taħt il-baħar;

(n) li jħarsu l-ambjent marittimu;

(o) li jipprovdu dwar dawk il-materji li jkunu meħtieġa, inkluż li jippreskrivu d-drittijiet u l-ġbir ta' taxxi, biex jingħata kull seħħ lil dan l-Att u għall-amministrazzjoni kif dovuta tiegħu;

(p) li jirregolaw il-proċeduri ta' liċenzjar għar-rigward ta' attivitajiet li jseħħu fuq il-blata kontinentali; u

(q) li jippreskrivu l-inqas u l-ogħla pieni, sew jekk b'multa sew jekk priġunerija, li għandhom jiġu applikati dwar kull kontravvenzjoni jew nuqqas ta' osservanza ta' xi regolament magħmul taħt dan l-artikolu:

Iżda kull piena li regolamenti magħmulin taħt dan is-subartikolu jippreskrivu m'għandhomx ikunu ta' multa iżjed minn żewġ miljun euro (€2,000,000), u m'għandhomx ikunu ta' iżjed minn priġunerija għal żmien ħames snin, jew it-tnejn flimkien, dwar kull kontravvenzjoni jew nuqqas ta' osservanza ta' xi regolament bħal dak.

(2) Ir-regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu jawtorizzaw ukoll lil Prim Ministru biex jagħmel regolamenti jew ordnijiet kif jista' jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni korretta ta' dan l-Att u ta' kull regolament magħmul taħtu.

(3) F'dan l-artikolu, il-frażi "blata kontinentali" tinkludi qiegħ il-baħar u s-sottoswol taż-żoni taħt il-baħar fil-limiti tal-ibħra interni u l-ibħra territorjali ta' Malta:

Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha tolqot id-drittijiet u s-setgħat tal-Gvern taħt il-liġijiet xierqa dwar żoni fil-limiti tal-ibħra territorjali ta' Malta.

Tismija tal-awtoritajiet kompetenti.

5. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' regolamenti magħmulin taħtu, il-Prim Ministru jista' jappunta lil kull persuna bħala awtorità kompetenti għall-finijiet tal-implimentazzjoni u għall-eżerċizzju ta' kull dritt u dmir imħaddna fihom.

Ġurisdizzjoni kriminali u ċivili.

6. (1) Kull att jew ommissjoni li -

(a) jinvolvu jew iseħħu fuq, taħt jew 'il fuq minn xi gżira artifiċjali, installazzjoni, struttura jew tagħmir fuq il-blata kontinentali jew xi ibħra f'distanza ta' ħames mitt metru minn dik il-gżira artifiċjali, installazzjoni, struttura jew tagħmir, u

(b) jkunu, li kellhom isseħħu f'xi parti minn Malta, jikkostitwixxu reat taħt il-liġi li tkun fis-seħħ f'Malta,

għandhom jiġu ttrattati għall-finijiet ta' dik il-liġi u ta' kull liġi oħra li tkun fis-seħħ f'Malta bħallikieku qegħdin isseħħu f'Malta.

(2) Għall-finijiet tal-ġurisdizzjoni ċivili li tiġi eżerċitata mill-Qrati ta' Malta, kull gżira artifiċjali, installazzjoni, struttura jew tagħmir u l-ibħra kollha f'distanza ta' ħames mitt metru 'il bogħod

minnhom għandhom jiġu ttrattati bħallikieku kienu jinsabu f'Malta.

(3) Kull uffiċjal marittimu għall-infurzar għandu fuq kull gżira artifiċjali, installazzjoni, struttura jew tagħmir f'żona msemmija jkollu kull setgħa, protezzjoni u privileġġ li jkollu f'Malta.

7. Għall-finijiet li jkun żgurat it-tħaris ta' dan l-Att, kull uffiċjal marittimu għall-infurzar jista', fejn għandu raġuni biex jemmen li sar reat taħt dan l-Att u regolamenti magħmulin taħtu, jieħu kif ikun meħtieġ kull azzjoni kif imiss.

Azzjoni kif imiss minn uffiċjal marittimu għall-infurzar.

8. Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) sa (6), it-tnejn inklużi, tal-artikolu 8 tal-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa, għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal kull suspett raġonevoli ta' reat taħt dan l-Att jew taħt regolamenti magħmulin taħtu.

Dritt ta' insegwiment attiv.
Kap. 226.

9. (1) L-Att dwar il-Blata Kontinentali qiegħed b'dan jiġi mħassar mingħajr preġudizzju għal dak li hemm provdut fis-subartikoli (2) u (3).

Tħassir u dispożizzjonijiet transitorji.
Kap. 194.

(2) Kull liċenza jew permess maħruġ taħt l-Att dwar il-Blata Kontinentali għandu jibqa' jiġi regolat bid-dispożizzjonijiet tal-Att imsemmi sad-data meta dawn jiskadu.

(3) Kull ordni jew regolament magħmul taħt l-Att dwar il-Blata Kontinentali għandu jibqa' fis-seħħ bħallikieku sar taħt dan l-Att sa meta jistgħu jiġu emandati jew revokati b'ordnijiet jew regolamenti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(4) Kull attività oħra ta' kwalunkwe natura magħmula taħt dan l-Att għandha tibqa fis-seħħ.

(5) Kull riferenza għall-"Att dwar il-Blata Kontinentali" f'xi liċenza, kuntratt jew ftehim li jkollhom x'jaqsmu mal-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tal-*petroleum*, li l-Gvern jkun parti fihom, li jkunu saru qabel ma beda jseħħ dan l-Att, għandhom jibqgħu jiftiehmu bħala riferenza għall-Att tal-1966 dwar il-Blata Kontinentali.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 184 tal-25 ta' Lulju, 2014.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati